ŻOMM KUNTATT

MCVS Newsletter • VOL. II Nru. 4

F'DIN L-EDIZZJONI

Paġna 01

MCVS jiffirma **Kuntratt** (MoU) mas-**Secretarjat tal Commonwealth**

Paġna 03

Żjara mill-MCVS lill- **Eċċellenża Tiegħu, il-President ta' Malta, Dott. George Vella**

Paġna 04

Tnedija tal-**Istrateġija Nazzjonali tal-Volontarjat u l-Kampanja tal-Voluntiera Żgħażagħ**

Paġna 06

Il-Kunsill Malti għas-Settur Volontarju (MCVS) jattendi l-***Catania Urban Thinkers Campus***

Paġna

Voluntiera MALTA

L-MCVS jiffirma Kuntratt (MoU) mas-Segretarjat tal-Commonwealth

l-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat (MCVS) iffirma kuntratt ta' ftehim mas-Segretarjat tal-Commonwealth li jistabbilixxi uffiċċju ta' informazzjoni u *networking* immexxija mill-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat. L-iffirmar sar fil-Kwartieri Ġenerali tal-Commonwealth f'Londra fit-2 ta' Mejju 2019. Il-Kuntratt ta' ftehim (MoU) ġie ffirmat mid-Dott. Noel Camilleri, *Chairman* tal-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat u Dott. Arjoon Suddhoo, Deputat Segretarju Ġenerali tal-Commonwealth taħt il-patronċinju tas-Segretarju Parlamentari taż-Żgħażagħ, Sport u l-Għaqdiet Volontarji, l-Onorevoli Dott. Clifton Grima.

Dan l-*Memorandum of Understanding,* li jiddeskrivi l-prinċipji ġenerali tal-kooperazzjoni bejn iż-żewġ partijiet, se jkun qiegħed jippromwovi l-qsiem t'għarfien u s-soluzzjonijiet biex jissaħħaħ is-Settur Volontarju fil-pajjiżi membri.

Taħt dan il-qbil, l-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat se jistabbilixxi uffiċċju internazzjonali li jibda jopera fit-2 ta' Lulju 2019. L-uffiċċju għandhu sservi bħala punt ta' kuntatt bejn il-Pajjiżi Ewropej u tal-Commonwealth dwar il-qsim tal-aħjar prattiki, il-ħolqien ta' sħubijiet u l-promozzjoni ta' opportunitajiet ta' *networking*.

Dott. Noel Camilleri qal li "Malta hija ħerqana biex tagħti l-kontribut tagħha fuq livell internazzjonali fil-qasam tas-Settur Volontarju, żona li hija mnaqqxa fil-kultura ta' Malta, filwaqt li sservi bħala *hub* biex tiffaċilita l-qsim ta' prattiki tajbin u n-*networking* għal proġetti fi sħubija bejn diversi pajjiżi".

Id-Deputat Segretarju Ġenerali qal li "l-uffiċċju internazzjonali tal-volontarjat huwa inizjattiva importanti biex titqassam informazzjoni utli fost il-familji differenti ta'

(ikompli f'paġna 2)

Il-Kunsill Malti għas-
SETTUR VOLONTARJU

Segwi u għamel kuntatt magħna:

t: 2248 22481110
@: mcvs.mede@gov.mt
www.maltacvs.org
www.vofunding.org.mt
www.volontarjat.org.mt

Id-Deputat Segretarju Ġenerali tal-Commonwealth, Dott. Arjoon Suddhoo, Dott. Noel Camilleri, iċ-Chairman tal-MCVS u Dott. Clifton Grima, is-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ, Sport u Għaqdiet Volontarji waqt l-iffirmar tal-Memorandum of Understanding (MoU).

Layne Robinson, il-Kap tal-Iżvilupp tal-Politika Soċjali fis-Segretarjat tal-Commonwealth, Dott. Noel Camilleri, iċ-Chairman tal-MCVS u Dott. Clifton Grima, is-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ, Sport u Għaqdiet Volontarji.

Is-Sur Mauro Pace Parascandalo, il-Kap Eżekuttiv tal-MCVS u Dott. Noel Camilleri, iċ-hairmain tal-MCVS mas-Segretarju Ġenerali tal-Commonwealth, l-Eċċellenza tagħha Patricia Scotland.

L-MCVS Tiffirma (MoU) mas-Segretarjat tal-Commonwealth

(ikompli minn paġna 1)

nazzjonijiet. Għandhu jipprovdi ukoll nixxigħat ġodda ta' informazzjoni li nistgħu nanalizzaw u naqsmu biex insaħħu s-settur u x-xogħol volontarju".

Oqsam oħra ta' kooperazzjoni jinkludu;

- Bini ta' kapaċità permezz ta' programmi ta' taħriġ;
- Skambju ta' riċerka aktar avvanzata fuq is-settur volontarju;
- Faċilità għall-aċċess għal fondi, għotjiet u sħubijiet;
- Għajnuna lill-entitajiet volontarji nazzjonali biex jfasslu strateġiji u riformi.

Wara l-laqgħa, Dott. Clifton Grima, Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ, Sport u Għaqdiet Volontarji qal: "Malta hija kuntenta ħafna li żviluppat l-esperjenza meħtieġa fis-settur volontarju li tippermetti biex ngħinu lil pajjiżi oħra jilħqu l-ogħla livell ta' eċċellenza.

Iż-żewġ partijiet huma mpenjati li dan il-Kuntratt ta' ftehim (MOU) jiġi implimentat b'mod attiv. Qed inħares 'il quddiem biex dalwaqt niltaqa' mal-kollegi tagħna tal-Commoinwealth biex nara l-progress li ser jinkiseb bis-saħħa ta' din il-kollaborazzjoni hekk importanti.

L-iffirmar ta' dan il-ftehim jippromwovi kollaborazzjoni aktar mill-qrib li permezz tagħha nistgħu niżguraw li l-poplu tagħna jkun infurmat dwar l-opportunitajiet u l-possibbiltajiet li jinħolqu mill-qawwa tas-settur volontarju tagħna.

Id-Delegazzjoni, li kienet tinkludi wkoll lis-Sur Mauro Pace Parascandalo, il-Kap Eżekuttive tal-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat (MCVS) u lis-Sur Ryan Borg, Kap tas-Segretarjat, Segretarju Parlamentari taż-Żgħażagħ, Sports u Għaqdiet Volontarji, kellha l-pjaċir li jkollha laqgħa mas-Segretarju Ġenerali tal-Commonwealth, l-Eċċellenza tagħha l-Baronessa Patricia Scotland.

Il-Kunsill Malti għas-SETTUR VOLONTARJU

Tixtieq issir voluntier/a? Uri l-interess tiegħek billi tirreġistra fuq il-*web portal* tal-volontarjat:

http://volontarjat.org/



Żjara mill-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat (MCVS) lill-Eċċellenża Tiegħu, il-President ta' Malta, Dott. George Vella

Fl-20 ta' Mejju 2019, il-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat kellu l-unur, bħalha r-rappreżentanza nazzjonali tas-Settur Volontarju, li jiġi milqugħ mill-Eċċellenza tiegħu l-President tar-Repubblika ta' Malta, Dott. George Vella.

Waqt il-laqħha, Dott. Noel Camilleri *Chairperson* tal-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat, informa lill-Eċċellenza Tiegħu Dott. Vella dwar ir-rwol tal-Kunsill u r-realtajiet tas-Settur Volontarju.

L-Eċċellenza tiegħu l-President Dott. George Vella qassam mal-Kunsill l-ideat tiegħu kif ukoll it-tħassib relatat mas-Settur, wiegħed l-appoġġ tiegħu kemm għall-Kunsill

(ikompli fuq il-lemin)

Il-Membri tal-Bord tal-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat (MCVS) flimkien mall-Eċċellenza Tiegħu, il-President ta' Malta, Dott. George Vella. Mix-xellug għall-lemin: Is-Sur Damian Attard, is-Sur Edward Grupetta, is-Sur Robert Farrugia, is-Sinjura Gertrude Buttigieg, Fr Antoine Farrugia SDB, l-Eċċellenza Tiegħu, il-President ta' Malta, Dr George Vella, Dott. Noel Camilleri (MCVS Chairman), is-Sur Trevor Fenech, is-Sinjura Doris Bingley, is-Sur Mauro Pace Parascandalo (il-Kap Eżekuttiv tal-MCVS) u s-Sinjura Christine Camilleri.

ukoll għas-Settur inġenerali matul il-Presidenza tiegħu sabiex flimkien, iż-żewġ partijiet ikunu jistgħu jaraw it-tkabbir tas-Settur b'kollaborazzjoni aħjar mill-partijiet interessati kollha. Il-President, għall-pjaċir tal-Kunsill, ikkonferma wkoll il-patroċinju tiegħu għall-Premju Nazzjonali tal-Volontarjat li huwa organizzat mill-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat.



Dott. Noel Camilleri (MCVS Chairman) u l-Eċċellenza Tiegħu, il-President ta' Malta, Dott. George Vella.



Il-Membri tal-Bord tal-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat (MCVS) mall-Eċċellenza Tiegħu, il-President ta' Malta, Dott. George Vella.



Tnedija tal-

Istrateġija Nazzjonali tal-Volontarjat u l-Kampanja tal-Voluntiera Żgħażagħ

l-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat (MCVS) flimkien mas-Segretarjat Parlamentari għaż-Żgħażagħ, Sport u Għaqdiet Volontarji nedew Strateġija Nazzjonali valida għall-ħames snin li ġejjin bil-għan li jsaħħu s-Settur Volontarju u jagħmluh aktar effettiv.

L-istrateġija hija bbażata fuq tliet pilastri: is-sitwazzjoni attwali tal-komunità tagħna f'Malta u Għawdex, l-iżvilupp ta' l-ewwel strateġija u politika tal-Gvern għat-titjib tal-parteċipazzjoni demokratika.

Skond is-Segretarju Parlamentari l-Onorevoli Dott. Clifton Grima, l-istrateġija fasslet pjan definit għas-settur. "Pjan ċar huwa li jkun hemm stabbiltà li tgħin lill-organizzazzjonijiet. Anki jekk il-voluntiera ma jistennew xejn lura, huma jingħataw l-apprezzament u r-rikonoxximent li jistħoqqilhom. Fl-aħħar, iżda mhux l-inqas, l-organizzazzjonijiet volontarji se jkollhom aktar trasparenza fil-mod kif joperaw f'pajjiżna."

Dott. Grima żied jgħid li l-istrateġija tikkumplimenta l-liġi l-ġdida dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji, li permezz tagħha l-Kummissarju jingħata aktar għodod biex ikun jista' jivverifika l-operazzjonijiet ta' dawn il-korpi.

Iċ-*Chairman* tal-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat, Dott. Noel Camilleri, qal li l-istrateġija se ssaħħaħ is-settur tal-volontarjat, kemm mill-aspett tal-governanza, kif ukoll mit-trasparenza tal-operat. "Is-settur tal-volontarjat huwa bbażat fuq donazzjonijiet mill-pubbliku ġenerali u fondi nazzjonali. Fid-dawl ta' dan, dejjem hemm il-ħtieġa għal żieda fit-trasparenza, biex jiġu eliminati kwalunkwe dubji dwar it-tmexxija ta' dan is-settur u l-użu tal-fondi pubbliċi. Għandna l-għan ukoll li ninvolvu liż-żgħażagħ u t-tfal tal-iskola, sabiex nenfasizzaw l-importanza tal-involviment tagħhom fis-settur. "

Il-Kunsill Malti għas-
SETTUR VOLONTARJU

Biex tara jew tniżżel kopja tar-Rapport tal-iStrateġija Nazzjonali dwar il-Volontarjat 2019 – 2024 jekk joġġħbok żur: https://maltacvs.org/wp-content/uploads/2019/07/Strategija-Nazzjonali-fuq-il-Volontarjat-2019-2024-1.pdf jew billi tidħol fil-paġna tal-Facebook tal-MCVS.



Dott. Noel Camilleri ddikjara li l-fondi mogħtija mill-gvern lil organizzazzjonijiet volontarji huma ċentralizzati taħt il-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat, biex jassiguraw li jingħataw opportunitajiet indaqs. Dan se jkun żgurat permezz tal-Istrateġija Nazzjonali.

Matul dan l-avveniment, tnedew serje ta' 10 filmati taħt il-Kampanja għaż-Żgħażagħ Voluntiera bil-għan li tippromwovi l-volontarjat taż-żgħażagħ permezz ta' setturi differenti. Il-*videos* saru b'kollaborazzjoni ma' dawn li ġejjin: *Home Away from Home*, *Right to Smile*, *Emergency Fire & Rescue Unit*, *Inspire*, *Don Bosco Oratory*, *Malta Judo Federation*, Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ, *Friends of the Earth*, *Nature Trust* u s-Soċjetà Filarmonika Santa Marija, Żebbuġ, Għawdex. Dawn il-*videos* diġa bdew jidhru fuq il-paġna tal-Facebook tal-MCVS u dalwaqt għandhom ikunu disponibbli fuq il-*website* tal-istess organizzazzjoni.



"Pjan ċar huwa li jkun hemm stabbiltà li tgħin lill-organizzazzjonijiet. Anki jekk il-voluntiera ma jistennew xejn lura, huma jingħataw l-apprezzament u r-rikonoxximent li jistħoqqilhom. Fl-aħħar, iżda mhux l-inqas, l-organizzazzjonijiet volontarji se jkollhom aktar trasparenza fil-mod kif joperaw f'pajjiżna."

Biex tara l-filmata msemmija jekk joġgħbok żur il-paġna tal-Facebook tal-MCVS fejn dawn il-filmati qed jitellgħu perjodikament.

Il-Kunsill Malta għas-Settur Volontarju (MCVS) jattendi għall-

Catania Urban Thinkers Campus

F'Lulju li għadda, MCVS permezz tal-parteċipazzjoni tas-Sur Mauro Pace Parascandalo (Kap Eżekuttiv) u s-Sinjura Sarah Stafrace (*Project Manager - Interreg Project Malta-Italia*) attendew il-*Catania Urban Thinkers Campus* f'Catania fi Sqallija, avveniment organizzat mis-sieħeb tal-proġett tagħna, Tree. L-avveniment ta' tlett ijiem iffoka fuq it-talent, l-innovazzjoni u l-impatt soċjali għas-servizz tas-settur tat-turiżmu bil-għan li jappoġġja t-tkabbir tat-territorju billi jippromwovi l-iżvilupp diġitali u soluzzjonijiet ġodda għal Bliet Intelliġenti.

L-ewwel jum, 6 ta' Lulju, inkluda sessjoni plenarja, "Il-Belt tal-Ġejjieni ", u pparteċipaw mistednin internazzjonali, assoċjazzjonijiet u *startups*. Is-suġġetti diskussi inkludew bliet sostenibbli u intelliġenti, innovazzjonijiet regolatorji fil-qasam tal-intrapriża soċjali u l-miżuri ta 'finanzjament għall-kumpaniji tan-Nofsinhar.

Attività imsejħa *ToursimHack* ġiet organizzata għall-aħħar jumejn fil-forma ta' maratona ta' innovazzjoni. Iktar minn 50 parteċipant ħadu sehem, li wħud minnhom kienu żviluppaturi, disinjaturi, esperti u entużjażmu għan-negozju u s-suq. Kull grupp kellu jaqsam l-idea innovattiva tiegħu biex jipprovdi soluzzjonijiet għal żewġ sfidi;

1) Mobilità tat-Turiżmu - titjib tal-aċċessibilità għal postijiet ta' interess għat-turisti u
2) Bejgħ bl-Imnut u mal-Klijent - it-titjib tal-esperjenza turistika waqt ix-xiri.

Ir-rebbieħa tal-*TourismHack* kienu:



1) *Unni Emu*: soluzzjoni diġitali li tippermetti l-laqgħa bejn vjaġġaturi u nies tal-post ibbażata fuq *gamification mechanism*. It-turist jikseb punti ma' kull post li jżur, filwaqt li jkun jista' iġġemma' il-punti li nbgħad jista' juża fl-istess ħwienet li jipparteċipaw.
2) *Nico*: *App* iddisinjata biex toffri gwida interattiva lill-għomja u lil dawk b'vista bgħatuta, billi tikkomunika bl-użu ta' kmandi speċifiċi tal-vuċi.
3) *Snapack*: Pjattaforma *online* użata biex tibgħat tifkiriet u prodotti mixtrija direttament mid-dar billi tibbukkja t-tbaħħir direttament mill-ħanut.

Il-premju għal kompetizzjoni bħal din kienet ta' €10,000 f'*vouchers* tal-Amazon.

Barra minn hekk, żewġ gruppi oħra, imsejħa *HoraVision* u *Site*, rebħu wkoll stedina ta' parteċipazzjoni għal-*Malta Summit Innovation* fejn jistgħu jieħdu vantaġġ mis-servizzi ta' appoġġ għall-internazzjonalizzazzjoni tal-proġett ENISIE.

"Huwa importanti li permezz tal-komponent soċjali u kummerċjali nsibu it-triq tan-nofs, biex nilħqu għan sostenibbli fejn kull parti tagħmel l-esperjenza u l-ispeċjalizzazzjoni tagħha disponibbli għall-ġid komuni".
– Mauro Pace Parascandalo



VOLUNTIERA MALTA

Voluntiera Malta huwa programm volontarju li ġie mwaqqaf fi Frar 2019, bħala parti mill-wirt ta' Valletta 2018 - Il-Belt Kapitali Ewropea tal-Kultura u li huwa mmexxi mill-Kunsill Malti għas-Settur Volontarju (MCVS). Voluntiera Malta bdiet il-ħidma tagħha wara li żvilluppat minn Tal-Kultura, u firxet għall-oqsma oħra bħall-ambjent, is-settur soċjali u ħafna aktar.

L-għan ta' dan il-programm kien li jħajjar ċittadini mis-setturi kollha tas-soċjetà li kienu nteressati fil-volontarjat. Il-viżjoni hija li ssir pjattaforma ewlenija nazzjonali tal-volontarjat għall-impenn ċiviku fis-settur tal-arti u l-kultura. Wieħed mill-għanijiet huwa li tikkontribwixxi wkoll lejn il-ħolqien ta' wirt ta' volontarjat fis-settur tal-arti u l-kultura lokali.

Voluntiera Malta għadha tirrekluta voluntiera u tiżviluppa kollaborazzjoni ma' Organizzazzjonijiet Volontarji sabiex toħloq opportunitajiet ta' volontarjat kif ukoll biex tgħin f'avvenimenti f'Malta u Għawdex.

Voluntiera Malta hija opportunità unika għal dawk li jixtiequ jiskopru ħiliet u talenti ġodda permezz ta' esperjenzi varji fil-voluntarjat. Dan billi jiltaqgħu, u jibnu ħbiberiji u *networks* ġodda, jagħmlu parti minn tim kbir u divers ta' persuni entużjasti u ħabrieka, filwaqt li jesperjenzaw b'suċċess, attivitajiet u avvenimenti differenti kif ukoll jiksbu esperjenza li tista' tkun ta' għajnuna fl-iżvilupp professjonali tagħhom.

TAL-AMBJENT VOLUNTEERS

TAL-KULTURA VOLUNTEERS

TAS-SOĊJALI VOLUNTEERS

Il-Kunsill Malti għas-SETTUR VOLONTARJU

Għal aktar informazzjoni jekk joġġħbok żur:
https://volunteers.mt/ kif ukoll il-paġna tal-Facebook